Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13386/22

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0058(COD)**

CODEC 1466
PECHE 388

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll li japplikaw fiż-Żona ta' Kompetenza tal-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC) u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001, (KE) Nru 1984/2003 u (KE) Nru 520/2007 **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fil-11 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha[1], ibbażata fuq l-Artikolu 43(2) TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fid-9 ta' Ġunju 2021[2].

3. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data bagħat il-kummenti formali tiegħu fit-23 ta' Mejju 2022[3].

4. Fl-4 ta' Ottubru 2022, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[4].

[1] 6894/21 + ADD1.
[2] ĠU C 341, 24.8.2021, p. 106.
[3] 9456/22.
[4] 12008/22.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE- CONS 38/22, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

6. Id-dikjarazzjoni għall-minuti tal-Kunsill tinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota.

7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ikun adottat.

   Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.